# il-Ħuttafa

Numru **187** Marzu – April 2025




BirdLife MALTA

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf




Victor Falzon

L-għantux tal-blat jikber fix-xagħri imma spiss ukoll fuq ramliet

# Ħbieb Ħuttaf...

mill-editur

Mistoqsija li spiss jistaqsuni l-istudenti meta nkunu qed nagħmlu *fieldwork* fin-natura hija:

**"Ser, x'inhu l-annimal favorit tiegħek?"**

Ħmmm, mistoqsija diffiċli! Meta kont tifel niftakar kont inħobb ħafna ċ-*cheetah*. Apparti li huwa annimal sabiħ immens, kont nitbellah nara dokumentarji tagħha tlebbet wara xi għażżiela *(gazelle)*.

Imma meta dħalt membru fil-BirdLife bdejt nattendi l-ħarġiet u nitgħallem fuq annimali differenti, fuq l-għasafar, fuq l-insetti, fuq il-brimb, fuq il-baħrijiet.

Kollha bdejt insibhom interessanti u spiċċajt ma nistax nagħżel annimal favorit.

L-annimali kollha għandhom xi ħaġa li timmeraviljak. Bdejt ninnota li jekk qed inħares lejn brimba daqs tikka tinseġ għanqbuta, dak il-ħin DIK hija l-annimal favorit tiegħi!

Jekk qed ngħum bil-maskla u nara boll *(stingray)* għaddej qisu fatat mal-qiegħ iferkex fir-ramel, DAK isir l-annimal favorit tiegħi f'dak il-mument maġiku.

Jekk qed nisma' bufula sewda tgħanni minn ġo arbuxell fil-ġardina tiegħi, f'dak il-waqt DIK hija l-annimal favorit tiegħi.

Ma nafx, forsi għax jien tant nissaħħar bin-natura, li meta nkun fiha qisni ninsa kollox ħlief dak il-mument partikolari.

Biex niftiehmu, iċ-*cheetah* xorta għad għandi *soft spot* għaliha eh!

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



Alison Buttigieg

## FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Aron Tanti

### Daqquqa tat-Toppu

Common Hoopoe *Upupa epops*

Id-daqquqa tat-toppu impossibli tiżbaljaha ma' għasfur ieħor, kemm jekk taraha wieqfa u kemm jekk taraha ttir. Meta tkun wieqfa jispikka dak it-toppu, u meta ttir jolqtuk l-istrixxi suwed u bojod qishom *zebra crossing* fuq ġwinħajha! Id-daqquqa narawha fil-pases tar-rebbiegħa u tal-ħarifa.

Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife MALTA

## F'dil-ħarġa...

| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Fjuri u dakkara | 4 |
| L-għasafar kollha! | 5 |
| X'għandna mid-dinja? | 5 |
| Natura 2000 sites | 6 |
| It-tim tal-baskitbol | 7 |
| Ħawwiefa tax-Xtut | 8–9 |
| Rising from the depths | 10 |
| Colour me! | 11 |
| Art Gallery | 11 |
| FestaFriefet! | 12 |
| Ħaxix... | 13 |
| Għaliex jgħidulha..? | 13 |
| Inħawlu Tbissima! | 14 |
| il-Bugeddum | 15 |
| Il-Passa port tal-Istudenti | 16 |

## Kitbu...

**Desirée Falzon, Victor Falzon, Kimberly Marie Gatt, Érica Moura**

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta. Members

- can attend club activities, like walks, birdwatching, visits to nature reserves, boat trips and work to help nature
- receive *Il-Ħuttafa* every two months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatti...

tel **21347645**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
editor email **victor.falzon@birdlifemalta.org**
general email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**

© BirdLife Malta, April 2025
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Printed at Poultons on sustainably sourced paper

Reg.Vol.Org. VO/0052

# Waslu 1000 sena qabel!

Victor Falzon

Studju ġdid juri li l-bniedem wasal Malta mhux 7500 sena ilu, kif konna naħsbu, imma xi elf sena iktar kmieni. Hekk hu, xi **8500 sena ilu**. Jiġifieri l-ewwel nies ġew hawn fiż-żmien **Meżolitiku**, u mhux fin-Neolitiku, kif konna mingħalina.

Mhux biss. Skont fdalijiet, għadam u għodod li nstabu f'Għar Tuta (ħdejn iċ-Ċirkewwa), dawn l-ewwel "Maltin" ma kinux irabbu l-bhejjem jew ikabbru l-ħxejjex (dawk ġew wara) imma **kienu *hunter gatherers***. Jiġifieri kienu jieklu annimali li jaqbdu mis-selvaġġ, u jiġbru frott selvaġġ, żrieragħ, eċċ. F'Malta dak iż-żmien kienet tgħix razza żgħira tar-*red deer*, u kienet waħda mill-annimali li kienu jikkaċċjaw dawn in-nies.

Kienu wkoll sajjieda, għax fl-istess għar instabu ħafna qxur ta' bebbux, imħar u għadam ta' ħut u annimali oħrajn tal-baħar. Anke ta' foki!

Dawn l-ewwel nies **ġew minn Sqallija** aktarx fuq dgħajjes primittivi mħaffrin miz-zkuk ħoxnin tas-siġar. Batew biex waslu, għax vjaġġ baħar ta' 100km mhux lakemm tagħmlu fi ftit sigħat bil-moqdief.

Prosit lir-riċerkaturi Maltin u t-tim tagħhom li minn dawn l-iskavi tgħallmu huma u għallmu lilna tant affarijiet ġodda.




# Wara 116-il sena...

Fit-2 April 2025 il-*managing warden* tar-riserva naturali tas-Simar kien bħas-soltu qed jirringja l-għasafar. Wieħed mill-għasafar li qabad qajjem ħafna interess fost in-naturalisti tal-BirdLife. Dan għaliex l-għasfur li qabad kien **bufula tal-bwar** *(aquatic warbler)*, isem xjentifiku *Acrocephalus paludicola*. Għasfur żgħir ta' lewn qastni, kannella u iswed.


Charles Coleiro

Dan l-għasfur huwa speċi rarissma għal Malta, għax mhux soltu jpassi minn dan-naħat tal-Mediterran. L-aħħar li nqabad wieħed bħalu kien f'Ottubru... tas-sena 1909 – 116-il sena ilu! X'ma jiskantawx il-berdwoċers!

Id-differenza kbira kienet li waqt li l-għasfur tal-1909 kien inqatel u spiċċa f'kollezzjoni, l-għasfur li qabad Charles il-gwardjan ma sofra xejn minn dan. Sempliċiment qegħedlu ċurkett daqs nitfa fuq sieq= ħadlu ftit ritratti, u reġa' ħelsu biex ikompli triqtu lejn l-Ewropa ta' Fuq biex ibejjet. Jekk xi ringer fil-Polonja jerġa' jaqbad dan l-għasfur, ikun jaf (miċ-ċurkett) li din il-bufula għaddiet minn Malta!

Il-BirdLife ilha 60 sena tistudja l-għasafar bl-użu taċ-ċrieket. Minn dan l-istudju tgħallimna ħafna sigrieti fuq il-ħajja tal-għasafar.

Il-BirdLife spiss torganizza attivitajiet li fihom turi kif u għaliex isir il-*bird ringing*. Biex issir taf b'dawn l-attivitajiet fittixna fuq Facebook jew fil-websajt **birdlifemalta.org**

Kull ♥ trid oħra!
Teamwork fin-natura
Desirée Falzon



Mario V Gauci

# Fjuri u Dakkara

Naħla tal-ġonna *(white-banded digger bee)* fuq fjura tal-lantana

**Ilkoll rajtu naħal jew friefet iduru qalb il-fjuri. Xeni bħal dawn huma l-istess bħal nies f'supermarket. Għaliex? Għax dawk l-insetti mhux biss ikunu qed ifittxu l-ikel imma jkunu wkoll qed "iħallsu" għalih!**




Victor Falzon

## Riklam

Mela l-fjuri għandhom kuluri differenti: blu, ħomor, sofor, bojod, roża, eċċ. Dawk l-ilwien qegħdin biex jolqtu l-għajn – mhux l-għajn tal-bniedem, imma tal-insetti.

Kull fjura tkun qed tagħmel riklam donnha trid tgħid li l-prodott tagħha huwa l-aqwa, u li l-insetti għandhom jiġu għandha. Il-prodott li joffru l-fjuri huwa n-**nektar**, taħlita ta' ilma u zokkor li l-pjanta tagħmel biex tiġbed l-insetti. Meta tisħon il-ġurnata, il-pjanta tibda tagħmel in-nektar u "ssejjaħ" lill-insetti biex jiġu jixorbu.

## Trikk

Forsi qed taħsbu: "Xi ħlew, kemm huma qalbhom tajba l-pjanti biex qed jitimgħu lill-insetti!". Imma jkollkom żball taħsbu hekk, għax dak in-nektar huwa trikk li bih il-pjanta tiġbed lejha l-insetti . . . biex jaqduha!

Meta naħla, farfett, żunżana jew ħanfusa jżuru fjura biex jixorbu n-nektar, ġisimhom iħokk ma' fejn il-fjura jkollha l-**polin** (jew trab tad-dakra). Dan it-trab fin jeħel mal-ġisem sufi tal-insett. Meta mbagħad l-insett itir minn fjura għal oħra, ftit mill-polin li jkollu mwaħħal ma' ġismu jaqa' minn fuqu għal fuq il-fjura l-oħra.

Meta jitħallat polin ta' fjura ma' dak ta' fjura oħra, il-pjanta ngħidu li tkun iddakkret (bl-Ingliż *pollination*) u tibda ssir iż-żerriegħa. Miż-żerriegħa jinbtu pjanti ġodda u ċ-ċiklu tal-ħajja jkompli.

## Servizz bi ħlas

Minħabba li l-pjanti ma jistgħux jimxu u jwasslu l-polin tagħhom għand xulxin, ikollhom jinqdew b'min jista' jtir. U b'hekk l-insetti, bla ma jafu, jagħtu servizz lill-pjanti tal-ikla bnina li jkunu ħadu mill-fjuri tagħhom. U kulħadd moqdi. Kif jgħidu bl-Ingliż: *a win-win system!*

### Speċjalizzaw

Il-pjanti u l-insetti dakkara ilhom minn żmien id-dinożawri f'din ir-relazzjoni, jiġbdu, jħajru, jgħinu, jaqdu u "jħallsu" lil xulxin. Tul il-miljuni tas-snin il-fjuri u l-insetti evolvew flimkien, tant li xi insetti speċjalizzaw biex idakkru tip ta' fjuri u mhux oħrajn.

Pereżempju l-friefet żviluppaw ilsien twil ħafna biex ikun jista' jilħaq in-nektar ta' fjuri forma ta' tubu dejjaq. Ħafna naħal, żnażan u ħanfus m'għandhomx ċans jilħqu n-nektar f'dawn il-fjuri, imma l-friefet jirnexxielhom bla xkiel!




Victor Falzon

# L-Għasafar KOLLHA ta' Malta

F'Malta s'issa dehru **406 speċi** ta' għasafar. Xi speċi huma komuni, oħrajn rari, uħud iżuruna ftit ġranet fis-sena, oħrajn jgħixu magħna s-sena kollha. F'dis-sensiela qed inġibu l-lista kollha, u dawn huma **Numri 181 sa 190**...

181 
Isem Malti
**Purċinell Żgħir**
Isem Ingliż
**Little Auk**
Isem xjentifiku
*Alle alle*

182 
Aron Tanti
Isem Malti
**Mus Irqiq**
Isem Ingliż
**Common Murre**
Isem xjentifiku
*Uria aalge*

183 
Ian Balzan
Isem Malti
**Barbaġann**
Isem Ingliż
**Common Barn-owl**
Isem xjentifiku
*Tyto alba*

184 
Aron Tanti
Isem Malti
**Kokka tat-Tikek**
Isem Ingliż
**Little Owl**
Isem xjentifiku
*Athene noctua*

185 
Denis Cachia
Isem Malti
**Kokka**
Isem Ingliż
**Eurasian Scops-owl**
Isem xjentifiku
*Otus scops*

186 
Phil Koken
Isem Malti
**Qattus**
Isem Ingliż
**Northern Long-eared Owl**
Isem xjentifiku
*Asio otus*

187 
Aron Tanti
Isem Malti
**Kokka tax-Xagħri**
Isem Ingliż
**Short-eared Owl**
Isem xjentifiku
*Asio flammeus*

188 
Isem Malti
**Arpa**
Isem Ingliż
**Osprey**
Isem xjentifiku
*Pandion haliaetus*

189 
Isem Malti
**Astun Abjad**
Isem Ingliż
**Black-winged Kite**
Isem xjentifiku
*Elanus caeruleus*

190 
Isem Malti
**Kuċċarda**
Isem Ingliż
**European Honey-buzzard**
Isem xjentifiku
*Pernis apivorus*

**Lista approvata minn BirdLife Malta. Għalkemm xi speċi magħrufin b'iktar minn isem wieħed, dawn huma l-ismijiet uffiċjali bil-Malti li tuża BirdLife Malta. L-ismijiet bl-Ingliż u xjentifiċi huma dawk li tuża BirdLife International (www.birdlife.org)**

## X'għandna mid-dinja?






Wara snin ta' sforzi minn għaqdiet ambjentali (fosthom BirdLife South Africa) għall-protezzjoni tal-*African penguin*, il-gvern tal-**Afrika t'Isfel** fl-aħħar iddeċieda li jwaqqaf is-sajd madwar Robben Island u Bird Island, żewġ gżejjer żgħar imma kruċjali, fejn ibejtu u jistadu ħafna minn dawn il-pingwini. Mitt sena ilu din l-ispeċi kienet tgħodd mal-miljun par, in-numru issa qiegħed taħt l-10,000 par – jiġifieri baqa' biss 1%. Nisperaw li din id-deċiżjoni mhix tard wisq għal dan l-għasfur simpatiku, u li b'dawn il-miżuri l-ispeċi tibda tirkupra.






Xi 1900km fix-xlokk tal-**Afrika t'Isfel** hemm Marion Island, gżira daqs Malta. Fuqha jbejtu 23 speċi ta' tajr, fosthom nofs il-*wandering albatrosses* tad-dinja. Ħafna minn dawn l-għasafar ibejtu fl-art. Fuq Marion ftit jgħixu nies imma l-għasafar għandhom problema kbira: il-firien qed jattakkaw il-bejtiet u joqtlu l-frieħ. Issa l-gvern flimkien ma' BirdLife South Africa qatagħha li jagħmlu proġett biex ibattlu l-gżira għal kollox mill-firien. Il-firien mhumiex indiġeni fuq Marion Island imma waslu hemm mal-bniedem. Fl-aħħar, xatt tama għal dawn l-għasafar.

# Protection of Malta's Natural Treasures

Natura 2000 consists of a special network of protected areas across Europe, including many picturesque sites in the Maltese Islands. These areas are home to unique species that need our help to survive.

Officers from the Environment & Resources Authority (ERA) work hand-in-hand with other governmental entities and non-governmental organisations (NGOs) to ensure that the flora and fauna species and the ecosystems that support them are safeguarded.

Thanks to funds from the European Union, Malta is able to support these sites, making sure they are protected. The Government also passes laws, and conducts clean-ups to ensure that these sites remain well-maintained and conserved.





## What is being done by ERA to protect Natura 2000 sites?

**Restoring and protecting habitats:** ERA carries out fieldwork throughout the year to monitor the status of habitats within these areas. The Authority then creates targeted measures to help restore them.

**Monitoring endangered species:** ERA carries out fieldwork and studies to monitor populations of endangered species. This information is then used to create informed policy.

**Removing invasive alien species:** ERA works with other entities and organizations to remove flora and fauna species, which do not belong in these areas as they can cause harm. ERA also raises awareness on the impact of these invasive alien species.





## Did you know?

Some Natura 2000 sites in Malta are home to orchids, hedgehogs, endangered birds and even bats. Keep an eye out for them when you visit these beautiful places!

**Scan this QR Code to discover more about Natura 2000 in Malta**

## How can you help?

**Learn about local wildlife:** The more you know, the better you can help!

**Keep nature clean:** Always throw rubbish in the correct bins and never leave waste behind.

**Respect wildlife:** Avoid disturbing animals or damaging plants when exploring.

**Protect native wildlife:** Do not release invasive alien species in natural environments.

# It-tim tal-baskitbol

Fid-dinja tal-għasafar hemm għasafar żgħar u għasafar kbar, uħud qosra u oħrajn twal. Fil-familja tal-irsieset u l-agretti hemm 75 speċi mxerrdin madwar id-dinja. Minn din il-familja faċli tgħaqqad tim tal-baskitbol, għax ħafna minnhom huma twal u mislutin. F'Malta s'issa dehru 10 speċi minn din il-familja: uħud komuni, uħud skarsi u wieħed rarissmu. Dawn huma ħamsa minnhom.

Victor Falzon



**russett abjad**
great white egret
twil 85-100cm

Aron Tanti



**agrett tal-bhejjem**
cattle egret
twil 45-52cm

Victor Falzon



**russett griż**
grey heron
twil 84-102cm

Aron Tanti



**russett aħmar**
purple heron
twil 70-90cm

Victor Falzon



**agrett abjad**
little egret
twil 55-65cm

# Ħawwiefa tax-Xtut

## Collared Sand Martin *Riparia riparia*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud fir-riserva naturali tal-Għadira



BirdLife MALTA

# RISING FROM THE DEPTHS

MALTA NATIONAL AQUARIUM

Recently, more deep-sea animals have been spotted near the water's surface or even washing up on shore. **What are these mysterious creatures and why are they rising from the depths?**

**What is the Deep Sea?**
Deep beneath the ocean, starting around 200 meters down, lies a dark and mysterious world! The deeper you go, the colder and darker it becomes, and the pressure increases. That is why deep-sea creatures appear so strange - they have adapted to survive in these extreme depths!

**What has been happening?**
Some well-adapted deep-sea creatures, such as, anglerfish and oarfish, have recently been found at the surface of the water.

**Oarfish** have large eyes to see in the dark and, unlike other fish, lack scales. Instead, they have tiny bumps called tubercles and a shiny layer of guanine that helps them camouflage.

Female **anglerfish** have a glowing light on their heads to attract prey in the dark. When a fish swims too close... SNAP! Their big mouths and sharp teeth trap it in an instant!





**Why are they rising to the surface?**

**CLIMATE CHANGE**

Rising greenhouse gas levels are warming the oceans and reducing oxygen levels, forcing them to move closer to the surface in search for better conditions.

**VERTICAL MIGRATION**
Every night, some of these animals swim up to the surface to feed in the dark. When the sun rises, they swim back down to the safety of the deep, dark ocean.




**SICK FISH**

If fish are sick, injured, or dying, they may lose control of their buoyancy or become weak, causing them to float to the surface.

While this information is based on scientific hypotheses, studies on the surfacing of deep-sea creatures are still ongoing.



WWW.AQUARIUM.COM.MT

# Colour me


Victor Falzon



## Maltese Everlasting

The Maltese everlasting *(sempreviva t'Għawdex)* is rare and endemic. In the wild it only grows in western Gozo. It has grey-green leaves, and lemon yellow flowers in spring.




**Send us your nature drawings so we can publish them here!**

victor.falzon@birdlifemalta.org

## Art Gallery



**Common Sandpiper**
Aurora Anic 7

### Tixtieq tagħti donazzjoni lil BirdLife Malta?

Il-BirdLife ikollha ħafna spejjeż biex tmexxi l-attivitajiet u biex taħdem għan-natura.

Minn dal-QR code tista' tagħmel donazzjoni onlajn. GRAZZI!

### Għadek m'intix membru fi Klabb Ħuttaf?

- Tixtieq tidħol fil-Klabb?
- Tixtieq iġġedded?
- Tixtieq iddaħħal il-familja kollha?

Minn dal-QR code tista' tinqeda kollox onlajn. GRAZZI!



# FestaFriefet

**Kimberly Marie Gatt** hija membru ħabrieka li flimkien mal-familja tagħha spiċċat trabbi ħafna xgħat tal-farfett tal-kaboċċi, titmagħhom u tosservahom sakemm saru friefet. Dawn ftit mill-ħafna ritratti li bagħtitilna...



"Il-Papà lemaħ farfett fuq il-bejt u ħadilha ritratt proprju waqt li kienet qed tbid ruxxmata bajd sofor."





"Ilmaħt tikek sofor ileqqu qalb il-weraq tal-pjanta tal-brokkoli fuq il-bejt."



"Rajt dud daqs tikka jimxu fuq werqa."



"...jagħmlu l-ewwel toqba f'werqa eżatt bħal tal-istorja ta' *The very hungry caterpillar*."



"Niżżilna dawn id-dud tant ċkejknin isfel ġo l-istess vażett imżaqqaq li użajna s-sena l-oħra."



"Kull filgħodu konna ntuhom weraq frisk mill-istess pjanta li tant iħobbu."



"Tant jieklu bla waqfien li trid tara biex temmen."



"Daħħalna l-aħħar ftit fosdqiet li baqgħu ħodor ġewwa għall-irdoss."



"Sibna farfett itir fil-kċina!"



"Dan id-dudu b'xorti ħażina ma rnexxilux jeħlisha, u spiċċa vittma ta' żunżana li biedet il-bajd fih u kiluh il-frieħ tagħha!"

Victor Falzon



# Haxix...

Fil-Malti l-kelma **ħaxix** tfisser ħafna affarijiet: meta ngħidu **ħaxix selvaġġ** jiġifieri l-pjanti u l-fjuri li jikbru weħidhom fil-ġnien jew fil-kampanja. Meta ngħidu **"Hawn tal-ħaxix!"** qed infissru l-ħxejjex li nixtru għall-ikel, bħal kaboċċi u pastard. Il-**ħaxixa** hija wkoll isem ta' droga, u meta ngħidu xi ħadd **ħaxixu** jfisser xi ħadd brikkun!

Imma meta bl-Ingliż insemmu l-**grasses** inkunu qed nitkellmu fuq familja waħda partikolari ta' pjanti, dik li l-istudjużi jsejħulha Poaceae jew Graminae.

Il-familja Poaceae hija kbira ħafna, jiġifieri fiha ħafna speċi. F'Malta wkoll għandna iktar minn 150 speċi ta' *grasses*.

Il-*grasses* jagħmlu fjuri imma dawn ma jkollhomx petali kkuluriti. Dan għaliex il-*grasses* ixerrdu l-polin bir-riħ, għalhekk m'għandhomx bżonn jagħmlu fjuri jispikkaw jew ifuħu biex iħajru l-insetti jżuruhom.

Madankollu hemm speċi ta' *grass* li dejjem tolqotni f'daż-żmien tas-sena. Din hija **denb il-fenek**, (ritratt hawn fuq) u meta taralha l-fjura tinduna għaliex jisimha hekk. Tagħmel fjuri qishom pompoms ġejjin ftit għall-ponta, u jekk tmisshom huma rotob – bħal denb ta' fenek insomma! Anke bl-Ingliż jisimha *hare's tail grass*.

Morru passiġġata fil-kampanja u għandkom issibuha żgur għax denb il-fenek hija komuni ħafna, fl-imħarbat u mal-ġnub tat-toroq.



# Għaliex jgħidulha... xifa?

Victor Falzon

Fost l-isbaħ għasafar li jżuru Malta hemm wieħed li ma tistax tiżbaljah ma' għasfur ieħor. Dan huwa x-**xifa**, bl-Ingliż *pied avocet*. Huwa għasfur imdaqqas, abjad u iswed u b'forma eleganti, għonqu twil u saqajh twal ta' lewn ċelesti. Imma l-iktar ħaġa li tolqtok f'dan l-għasfur huwa l-munqar. Mhux biss munqaru twil imma t-tarf milwi 'l fuq, kif jidher sew fir-ritratt. Dak il-munqar jużah biex ibandlu minn naħa għal oħra taħt wiċċ l-ilma, u kif imiss ma' xi gamblu jew ħuta żgħira jaħtfu u jibilgħu. Biċċa għodda effiċjenti ħafna. Imma għaliex jgħidulu xifa?

Għandkom tkunu tafu li dan l-għasfur issemma' għal biċċa għodda li juża l-iskarpan! Bix-xifa (bl-Ingliż *awl*) l-iskarpan jagħmel toqob fil-ġlud, biex minnhom jgħaddi l-ispag ħalli jħit il-partijiet flimkien biex jgħaqqad żarbun. Kif taraw mir-ritratt t'hawn taħt, ix-xifa tkun labra ħoxna bit-tarf tagħha mgħawweġ. Jekk tqabblu r-ritratt ta' din l-għodda mar-ritratt tal-għasfur tindunaw mill-ewwel għaliex l-għasfur semmewh xifa. Ovvja hux!












Fuq Netflix hemm sensiela dokumentarji interessanti jisimha **Life on Our Planet** (2023), li tirrakkonta l-istorja ta' kif żviluppat il-ħajja fuq il-pjaneta tagħna. Fis-seba' episodju *(Inheriting the Earth)* hemm filmati fil-baħar miġbudin Id-Dwejra, Għawdex.

# Inħawlu Tbissima

Għeżież tfal, kif intom? Nispera li tinsabu tajbin! Il-BOV għadu kif nieda kampanja ġdida u nixtieq inkellemkom ftit fuqha 🙂 Jisimha nħawlu tbissima 🙂




Tgħiduli biex ġej. Kif tista' tħawwel tbissima? Tista' mela le! Il- BOV permezz tal-voluntiera qassam pouches żgħar biż-żerriegħa ta' *Kromb il-Baħar Isfar*. Pjanta indiġena ta' Malta li vera hija reżistenti. Infatti tikber anke mal-bajjiet u ma tiddejjaqx mill-melħ u r-raxx tal-baħar.




Din il-kampanja mhix biss biex inkomplu nsaħħu l-ambjent imma BOV ħadmu wkoll ma' Richmond Foundation. Probabbli ma tafux min huma imma dawn huma kollha nies li jaħdmu fuq is-saħħa mentali. Tafu x'inhi s-saħħa mentali? Kif għandna s-saħħa fiżika għandna wkoll s-saħħa mentali u dik importanti ħafna li nieħdu ħsiebha 🙂

Nitkellmu d-darba li jmiss!

**Petitu**
(l-għasfur tal-bejt)



Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

F A T T I F A W N A


Raymond Galea

# il-Bugeddum

- Il-bugeddum huwa wieħed mill-ftit speċi ta' mammiferi [1]indiġeni ta' Malta.

- Bl-Ingliż jismu Etruscan shrew jew pygmy white-toothed shrew. L-isem xjentifiku huwa *Suncus etruscus*.

- Il-bugeddum qiegħed fi grupp ta' mammiferi żgħar li jinkludi l-qniefed u talpi *(moles)* – din tal-aħħar ma tinstabx f'Malta.

- Minkejja d-dehra, il-bugeddum m'għandux x'jaqsam mal-ġrieden. Xi nies għadhom isejħulu bl-isem antik "ġurdien geddumu twil" imma dan l-isem huwa żbaljat u m'għandux jibqa' jintuża.

- Bħall-biċċa l-kbira tal-mammiferi Maltin, il-bugeddum huwa mħares bil-liġi u m'għandux jinqatel, jinqabad jew jitfixkel.

- Il-bugeddum huwa ħafna iżgħar mill-ġurdien tal-imramma. Fil-fatt il-bugeddum huwa t-tieni l-iżgħar mammiferu tad-dinja!

- Il-bugeddum twil xi 4ċm u jiżen biss xi 1.8g – eħfef minn munita tal-1ċ (li tiżen 2.3g)!

- Il-bugeddum jiekol bebbux, bugħarwien, ħniex, ħanfus u insetti oħrajn.

- Minkejja li ftit narawh, il-bugeddum aktarx li mifrux sew f'Malta u jkun attiv kemm binhar kif ukoll bil-lejl. Jgħix xi sentejn.

- Il-bugeddum li jinsab Malta ma jinsabx Għawdex. F'Għawdex hemm speċi differenti: il-bugeddum t'Għawdex, speċi [2]endemika għal Għawdex... u għal Sqallija!




[1]**indiġenu.** Speċi li dejjem kienet tinsab f'reġjun jew pajjiż (bl-Ingliż *native* jew *indigenous* jew *autochthonous*)
[2]**endemiku.** Speċi li tinsab biss f'reġjun jew pajjiż wieħed (bl-Ingliż *endemic*)





Heritage Malta

Hemm passaporti biex bihom issiefer, iżda hemm ukoll **il-Passaport tal-Istudenti** ta' Heritage Malta li bih inti, bħala student, tista' tiskopri l-istorja ta' pajjiżna waqt li **tieħu sehem f'attivitajiet eċċitanti!**



Bil-Passaport tal-Istudenti, tista' tmidd idejk biex tagħmel il-figolli u żżejjen il-bajd tal-Għid, issir arkeologu għal ftit sigħat, tpinġi dak li jolqtok min-natura, toħloq il-maskri, titgħallem dwar il-klieb il-baħar, u ħafna aktar.

Iżjed tagħrif issibu fil-paġna '**Heritage Malta Kids**' fuq facebook kif ukoll hawnhekk: **https://heritagemalta.mt/whats-on/**



